

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/49

tas-7 ta' Jannar 2016

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM UKRAINE/1/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni 2014/486/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine), inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fit-23 ta' Lulju 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1496 <sup>(2)</sup> li testendi l-mandat tas-Sur Kálmán MIZSEI bħala Kap tal-Missjoni EUAM Ukraine sat-30 ta' Novembru 2015.
- (3) Fit-18 ta' Diċembru 2015, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppproponiet il-ħatra tas-Sur Kęstutis LANČINSKAS bħala l-Kap tal-missjoni ta' EUAM Ukraine,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Is-Sur Kęstutis LANČINSKAS huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni tal-Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) mill-1 ta' Frar 2016 sal-31 ta' Jannar 2017.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Jannar 2016.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

<sup>(1)</sup> ĠUL 217, 23.7.2014, p. 42.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/1496 tat-23 ta' Lulju 2015 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM UKRAINE/3/2015), (ĠUL 233, 5.9.2015, p. 7).